MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1652/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Grima Albert**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm167.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 10545 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2003 u Frar, 2004;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, u bl-**

**imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm167.31) bl-imghax legali mil-25 ta' Gunju, 2004 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------